



Dokument ta' sessjoni

B9-0453/2023 }  
B9-0454/2023 }  
B9-0455/2023 }  
B9-0456/2023 }  
B9-0457/2023 } RC1

8.11.2023

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:

B9-0453/2023 (S&D)  
B9-0454/2023 (Renew)  
B9-0455/2023 (PPE)  
B9-0456/2023 (Verts/ALE)  
B9-0457/2023 (ECR)

dwar l-effikaċja tas-sanzjonijiet tal-UE fuq ir-Russja  
(2023/2905(RSP))

**Michael Gahler, Andrius Kubilius, Rasa Juknevičienė, Traian Băsescu,  
Isabel Wiseler-Lima, Andrzej Halicki, Andrey Kovatchev, Radosław  
Sikorski, Vladimír Bilčík, Janina Ochojska, Sara Skytvedal, Henna  
Virkkunen, Arba Kokalari, Alexander Alexandrov Yordanov, Eugen  
Tomac**

f'isem il-Grupp PPE

**Pedro Marques, Tonino Picula, Thijs Reuten**

f'isem il-Grupp S&D

RC\1289804MT.docx

PE754.363v01-00 }  
PE754.364v01-00 }  
PE754.365v01-00 }  
PE754.366v01-00 }  
PE754.367v01-00 } RC1

**Bernard Guetta, Abir Al-Sahlani, Petras Auštrevičius, Olivier Chastel,  
Katalin Cseh, Vlad Gheorghe, Sophia in 't Veld, Karin Karlsbro, Nathalie  
Loiseau, Karen Melchior, Javier Nart, Urmas Paet, Emma Wiesner**

f' isem il-Grupp Renew

**Sergey Lagodinsky**

f' isem il-Grupp Verts/ALE

**Anna Fotyga, Angel Dzhambazki, Ryszard Czarnecki, Roberts Zīle, Adam  
Bielan, Assita Kanko, Jadwiga Wiśniewska, Anna Zalewska, Witold Jan  
Waszczykowski, Bogdan Rzońca, Elżbieta Rafalska, Elżbieta Kruk, Eugen  
Jurzyca, Cristian Terheş, Carlo Fidanza, Joachim Stanislaw Brudziński**

f' isem il-Grupp ECR

**Nikolaj Villumsen, Fabio Massimo Castaldo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-effikaċja tas-sanzjonijiet tal-UE fuq ir-Russja (2023/2905(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja u l-Ukrajna, b’mod partikolari minn mindu l-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna eskalat fi Frar 2022,
  - wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,
  - wara li kkunsidra l-11-il pakkett konsekuttiv ta’ sanzjonijiet kontra r-Russja li ġew adottati mill-UE minn Frar 2022 ’il quddiem,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2332 tat-28 ta’ Novembru 2022 dwar l-identifikazzjoni tal-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni bħala qasam ta’ kriminalità li jissodisfa l-kriterji speċifikati fl-Artikolu 83(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu tas-7 ta’ Lulju 2023 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta’ reati kriminali u ta’ pjeni għall-ksur ta’ miżuri restrittivi tal-Unjoni,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
- A. billi, mill-24 ta’ Frar 2022, meta r-Russja varat mill-ġdid il-gwerra ta’ aggressjoni mhux provokata, mhux ġustifikata u illegali tagħha kontra l-Ukrajna, is-sitwazzjoni ġeopolitika fl-Ewropa nbidlet b’mod fundamentali; billi l-forzi tar-Russja wettqu attakki indiskriminati kontra żoni residenzjali u infrastruttura ċivili u qatlu eluf ta’ ċivili Ukreni, iddeportaw bil-forza u tefgħu l-ħabs illegalment ċittadini Ukreni fir-Russja u fit-territorji tal-Ukrajna okkupati mir-Russja u wettqu atti ta’ terror fil-pajjiż kollu;
- B. billi, minn mindu r-Russja invadiet b’mod estensiv lill-Ukrajna fi Frar 2022, l-UE imponiet 11-il pakkett ta’ sanzjonijiet kontra r-Russja bl-għan li ddgħajef il-bażi ekonomika tagħha u b’hekk tillimita l-kapaċità tagħha li tmexxi gwerra, inklużi miżuri restrittivi kontra kważi 1 800 individwu u entità responsabbli għall-gwerra fl-Ukrajna jew involuti fiha, projbizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ta’ bosta oġġetti u servizzi mir-Russja bħaż-żejt u l-materja prima, u projbizzjoni fuq l-esportazzjonijiet lejn ir-Russja ta’ armi, tagħmir militari u oġġetti b’użu doppju; billi s-sanzjonijiet jinkludu wkoll projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet kollha mal-Bank Ċentrali tar-Russja, l-esklużjoni ta’ banek Russi ewlenin mis-sistema ta’ messaġġi finanzjarji SWIFT u s-sospensjoni tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta’ ċerti stabbilimenti ta’ diżinformazzjoni Russi

---

<sup>1</sup> ĠU L 308, 29.11.2022, p. 18.  
RC\1289804MT.docx

proprietà tal-Istat jew appoġġjati mill-Istat;

- C. billi, barra minn hekk, il-Kunsill impona miżuri restrittivi fl-ambitu tar-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem fuq diversi individwi responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Federazzjoni Russa u fit-territorji tal-Ukrajna li r-Russja okkupat temporanjament; billi l-UE adottat ukoll sanzjonijiet addizzjonali kontra l-Belarus, b'reazzjoni għall-involvement tagħha fil-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, u kontra l-Iran, fir-rigward tal-użu ta' droni Iranjani fil-gwerra tar-Russja;
- D. billi l-kejl tal-impatt tas-sanzjonijiet jippreżenta bosta sfidi, inkluż in-nuqqas ta' ċifri u ta' statistika affidabbli; billi l-impatt tas-sanzjonijiet tal-UE ma jistax jiġi sseparat faċilment mill-impatt tas-sanzjonijiet tal-Istati Uniti u ta' sanzjonijiet oħra, il-kontrosanzjonijiet Russi jew l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; billi l-biċċa l-kbira tal-esperti jwissu li, għalkemm is-sanzjonijiet qed jaħdmu, l-impatt tagħhom mhuwiex sever biżżejjed biex jillimita l-kapaċità tar-Russja li tmexxi gwerra kontra l-Ukrajna u jitolbu miżuri addizzjonali biex jiżdiedu l-kamp ta' applikazzjoni tas-sanzjonijiet u l-infurzar tagħhom; billi, għalkemm is-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja huma bla preċedent, l-impatt fuq l-ekonomija Russa s'issa jidher li huwa iżgħar milli kien previst fil-bidu u hemm sinjali inkwetanti li l-effikaċja tas-sanzjonijiet qiegħda ttnin; billi s-sanzjonijiet kontra r-Russja ġiegħlu u għadhom qed iġiegħlu lil dawk li jinsabu fil-mira tagħhom ifittxu persistentement soluzzjonijiet alternattivi onerużi;
- E. billi l-Istati Membri tal-UE, flimkien mal-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet, introduċew limiti massimi tal-prezzijiet fuq iż-żejt mhux maħdum li jinġarr bil-baħar, fuq iż-żjut tal-petroleum u fuq iż-żjut miksuba minn minerali bituminużi li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati minnha; billi f'issaw dawn il-limiti massimi tal-prezzijiet fil-livell ta' USD 60 għal kull barmil għaż-żejt mhux maħdum, USD 45 għal kull barmil għall-prodotti tal-petroleum bi skont u USD 100 għal kull barmil għall-prodotti tal-petroleum primjum; billi studji varji jistmaw li l-ispejjeż tal-produzzjoni għaż-żejt mhux maħdum Russu għal kull barmil huma ta' madwar USD 15 u għad-diżil USD 20; billi, għalhekk, il-limiti massimi attwali tal-prezzijiet għadhom qed jippermettu profitti sinifikanti għar-reġim ta' Putin;
- F. billi d-dħul tar-Russja mill-esportazzjonijiet taż-żejt u tal-gass naqas bi 38 % bejn Jannar 2022 u Jannar 2023; billi s-sehem tar-Russja fid-domanda Ewropea għall-gass naqas minn 45 % fl-2021 għal 23 % fl-2022 u għal naqas minn 10 % f'Jannar 2023; billi, skont ir-rapporti, il-volum tal-produzzjoni Russa ta' gass naturali likwifikat (LNG) żdied għal livelli rekord; billi, minkejja s-sanzjonijiet tal-UE fuq il-faħam Russu, il-produzzjoni tiegħu żdiedet b'0,3 % meta mqabbla mal-2021, u laħqet livell rekord; billi, sa mill-bidu tal-gwerra, ir-Russja kisbet EUR 532 biljun fi dħul mill-esportazzjonijiet tal-fjuwils fossili, li minnhom ix-xiri min-naħa tal-Istati Membri kien jammonta għal aktar minn EUR 178 biljun; billi, fl-2022 biss, id-dħul mir-riżorsi tal-enerġija Russi ammonta għal USD 321 biljun;
- G. billi, minn Awwissu 2023 'il quddiem, ħareġ biċ-ċar li r-Russja qed tfittex modi ġodda

għaċ-ċirkomvenzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet fuq is-sanzjonijiet fil-konfront taż-żejt, u l-prezzijiet taż-żejt Russu fis-swieq globali bdew jogħlew; billi r-Russja kienet kapaċi tidderieġi mill-ġdid l-esportazzjonijiet taż-żejt mhux maħdum mill-Ewropa lejn swieq alternattivi bħall-Indja, iċ-Ċina u t-Turkija; billi l-importazzjonijiet tal-UE mill-Indja u minn nazzjonijiet oħra ta' prodotti tal-petroleum magħmula biż-żejt Russu żdiedu bil-qawwi, u dan qed joħloq rotta alternattiva għaż-żejt Russu u jdgħajjef l-impatt tas-sanzjonijiet tal-UE; billi l-bastimenti tal-UE ttrasportaw l-ogħla proporzjon ta' żejt mhux maħdum Russu kemm fl-2022 kif ukoll fl-2023; billi, fl-2022, is-sehem tad-dħul mill-esportazzjonijiet tar-riżorsi tal-enerġija ammonta għal terz tal-introjtu totali fil-baġit tal-Federazzjoni Russa; billi s-sanzjonijiet fuq l-esportazzjoni tar-riżorsi tal-enerġija Russi qed ikollhom impatt qawwi fuq id-dħul mill-Istat Russu; billi, wara l-introduzzjoni tal-limitu massimu tal-prezzijiet fuq iż-żejt f'Diċembru 2022, l-introjtu tar-Russja mill-esportazzjoni tar-riżorsi tal-enerġija naqas b' mod sinifikanti meta mqabbel mal-livelli ta' qabel il-gwerra; billi d-dħul tar-Russja miż-żejt reġa' għola fl-ewwel nofs tal-2023, u żdied għall-ogħla livell minn Novembru 2022 'il quddiem;

- H. billi x-xiri min-naħa tal-Istati Membri tal-UE ta' LNG Russu jew ta' żejt ta' oriġini Russa minn pajjiżi mhux tal-UE mhuwiex ristrett u bħalissa qed jaqbeż sew il-livelli osservati qabel Frar 2022; billi r-Russja hija t-tieni l-akbar fornitur ta' LNG tal-UE, wara l-Istati Uniti biss; billi ż-żieda fl-importazzjonijiet tal-LNG mir-Russja tmur kontra l-għan tal-UE li ttejjem id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili Russi; billi r-Russja għadha qed iddaħħal madwar EUR 690 miljun kuljum mill-esportazzjonijiet tagħha tal-fjuwils fossili (data minn Awwissu 2023); billi l-UE għadha qed tibgħat EUR 2 biljun fix-xahar lir-Russja għall-fjuwils fossili; billi, minħabba li l-importazzjonijiet tal-gass bil-pipeline u tal-LNG għadhom għaddejnin, kif ukoll minħabba eċċezzjonijiet varji għall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni taż-żejt mhux maħdum u tal-prodotti taż-żejt, l-UE għadha waħda mill-akbar klijenti tar-Russja għall-fjuwils fossili;
- I. billi, skont iċ-ċifri uffiċjali Russi, l-ekonomija Russa allegatament ċkienet bi 2,1 % biss fl-2022, ħafna anqas milli kien mistenni, minkejja l-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u s-sanzjonijiet internazzjonali; billi l-Fond Monetarju Internazzjonali jbassar, abbażi taċ-ċifri uffiċjali Russi, li l-ekonomija Russa se tikber bi 2,2 % fl-2023 u b' 1,1 % fl-2024; billi r-Russja ħabbret li, fl-2024, il-baġit tagħha għad-difiża se jżdied bi kważi 70 % u se jilħaq l-ammont ta' EUR 107 biljun, jew 6 % tal-PDG (żieda apparagun tal-ammont ta' EUR 63 biljun, jew 3,9 % tal-PDG, fl-2023);
- J. billi, madankollu, fl-1 ta' Novembru 2023, il-President Russu talab lill-uffiċjali jindirizzaw il-kwistjoni tal-inflazzjoni għolja u wissa li l-ekonomija Russa qed tiffaċċja pressjoni akbar mis-sanzjonijiet tal-Punent; billi l-inflazzjoni għadha għolja fir-Russja, u qed tiżdied hekk kif l-ekonomija qed tiffaċċja rublu aktar dgħajjef u żieda fl-infiq militari fuq l-offensiva fl-Ukrajna;
- K. billi l-importazzjonijiet tal-UE mir-Russja naqsu minn Frar 2022 'il quddiem; billi, minkejja s-sanzjonijiet, fil-prattika xi Stati Membri żiedu l-kummerċ mar-Russja minn Frar 2022 'il hawn;

- L. billi għadd ta' kumpaniji tal-UE jgawdu minn derogi skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014<sup>2</sup> u, għalhekk, qed ikomplu jwettqu attivitajiet ta' negozju ma' entitajiet Russi li huma taħt sanzjonijiet finanzjarji u kummerċjali; billi l-kompetenza tal-għoti tad-derogi tappartjeni lill-awtoritajiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu sempliċement infurmati dwar id-derogi mogħtija, mingħajr il-kapaċità li jikkontestawhom; billi l-Parlament u istituzzjonijiet oħra ma għandhomx aċċess għal dik l-informazzjoni essenzjali; billi din il-prattika ta' deroga tnaqqas b'mod konsiderevoli l-impatt mixtieq tas-sanzjonijiet tal-UE, u b'hekk iċċaħħad waħda mill-għodod ewlenin tal-politika barranija tal-UE mill-effikaċja u mill-kredibbiltà tagħha;
- M. billi, f'tentattiv biex tiġġieled is-sanzjonijiet, ir-Russja rrikorriet għand pajjiżi li ma imponewx sanzjonijiet fuqha biex tfittex teknoloġija u prodotti oħra; billi r-relazzjonijiet dejjem aktar mill-qrib bejn ir-Russja u ċ-Ċina, kemm f'termini ta' kummerċ fl-enerġija u fl-oġġetti b'użu doppju, kif ukoll ta' appoġġ diplomatiku u strateġiku, fixklu l-impatt tas-sanzjonijiet tal-UE fuq ir-Russja; billi l-kummerċ tar-Russja maċ-Ċina laħaq livelli rekord fl-2022 u fl-2023; billi ċ-Ċina issa hija s-sors ta' madwar nofs l-importazzjonijiet tar-Russja, żieda minn kwart qabel il-gwerra; billi l-volum tal-kummerċ tar-Russja mal-Indja u mat-Turkija żdied ukoll b'mod sinifikanti;
- N. billi diversi analiżijiet tal-armi Russi maqbuda wrew li r-Russja qed tkompli timporta komponenti kritiċi tal-Punent minħabba l-kapaċità tagħha li ssib fornituri u rotot alternattivi, tant li l-importazzjonijiet ta' oġġetti ewlenin bħas-semikondutturi saħansitra qed jilhqnu livelli li jaqbżu dawk ta' qabel is-sanzjonijiet; billi diversi pajjiżi li ma imponewx sanzjonijiet, bħaċ-Ċina, it-Turkija, l-Emirati Għarab Magħquda, il-Każakistan, il-Kirgiżistan, xi pajjiżi mill-Kawkasu tan-Nofsinhar u s-Serbja, saru rotot ta' tranżitu li permezz tagħhom l-entitajiet Russi jirridirezzjonaw il-prodotti li jimportaw mill-UE lejn ir-Russja jew jipprovdu rotot alternattivi għall-importazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju u teknoloġija u tagħmir magħmulin barra mill-pajjiż;
- O. billi, f'Diċembru 2022, l-UE ħatret lil David O'Sullivan bħala Mibgħut Speċjali Internazzjonali għall-Implimentazzjoni tas-Sanzjonijiet tal-UE; billi għodda speċifika kontra ċ-ċirkomvenzjoni ġiet inkluża fl-aħħar pakkett ta' sanzjonijiet, adottat f'Ġunju 2023;
- P. billi Rosatom u s-settur tal-enerġija nukleari Russu għadhom mhumiex inklużi fil-pakketti ta' sanzjonijiet; billi Rosatom, permezz tas-sussidjarji tagħha, qed tipprovdi importazzjonijiet kritiċi ta' teknoloġiji u materjali lill-kumpless militari u industrijali Russu; billi, matul il-perjodu 2022-2023, l-Istati Membri għamlu progress sinifikanti fit-tnaqqis tad-dipendenza tagħhom fuq l-industrija nukleari Russa;
- Q. billi, fit-2 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal direttiva dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pieni għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni<sup>3</sup>,

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

<sup>3</sup> Il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pieni għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni (COM(2022)0684).

bil-għan li jiġu ffaċilitati l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-ikkastigar ta' ksur tas-sanzjonijiet tal-UE fl-Istati Membri kollha;

- R. billi r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni Russi li qed jgħixu fl-eżilju fl-UE batew minħabba l-impatt sproporzjonat ta' xi wħud mis-sanzjonijiet fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum b'modi li ma jikkorrispondux mal-objettiv tal-politika ta' sanzjonijiet tal-UE u minflok qed jagħmlu ħsara lill-kredibbiltà tal-UE;
1. Jikkundanna mill-ġdid bl-aktar mod qawwi l-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata, illegali u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-involvement tar-reġim ta' Lukashenka fil-Belarussja; jistieden mill-ġdid lir-Russja ttemm minnufih l-attivitajiet militari kollha fl-Ukrajna u tirtira mingħajr kundizzjonijiet il-forzi kollha u t-tagħmir militari kollu mit-territorju kollu tal-Ukrajna rikonoxxut internazzjonalment, ittemm id-deportazzjonijiet furzati tagħha ta' ċivili Ukreni u teħles lill-Ukreni kollha detenuti u deportati, b'mod partikolari lit-tfal;
  2. Jissottolinja li l-objettiv tas-sanzjonijiet tal-UE b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna huwa li jdgħajfu b'mod strateġiku l-bażi ekonomika u industrijali Russa, b'mod partikolari l-kumpless militari u industrijali, sabiex jikkompromettu l-kapaċità tal-Federazzjoni Russa li tkompli tmexxi l-gwerra, li tattakka l-popolazzjoni ċivili u li tikser l-integrità territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll ifixklu l-aċċess tar-Russja għat-teknoloġiji u l-komponenti militari u jimmiraw lejn l-eliti politiċi u ekonomiċi Russi biex idgħajfu l-appoġġ tagħhom għar-reġim;
  3. Ifakkar li l-effikaċja tas-sanzjonijiet internazzjonali tiddependi mis-sodezza, mill-koeżjoni, mill-kooperazzjoni, mill-onestà u mir-rispett għall-impenji tal-Istati li jkunu adottaw tali sanzjonijiet; jistieden lill-Istati Membri jidentifikaw b'mod ċar l-assi barranin Russi sanzjonati li qed jinżammu fil-ġuriżdizzjonijiet tagħhom u jiżguraw li dawn jitneħħew b'mod effettiv mill-portata tal-entitajiet Russi; jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ aktar armonizzat u trasparenza akbar dwar ir-rappurtar tal-ammont ta' assi ffriżati u tal-post fejn jinsabu;
  4. Jissottolinja li, peress li s-sanzjonijiet tal-UE fuq ir-Russja huma strument ta' politika barranija li għandu l-għan li jtemm gwerra illegali, iċ-ċirkomvenzjoni ta' tali restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti kritiċi għall-gwerra f'ċerti każijiet gravi tista' titqies u titressaq quddiem il-ġustizzja bħala kompliċità fid-delitti tal-gwerra tar-Russja;
  5. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsaħħu u jiċċentralizzaw, fil-livell tal-UE, is-sorveljanza tal-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet u jiżviluppaw mekkaniżmu ta' prevenzjoni u monitoraġġ taċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet biex jillimitaw il-kapaċità tar-Russja li tevita s-sanzjonijiet; jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jikkooperaw aktar mill-qrib dwar l-investigazzjonijiet ta' ksur jew ta' ċirkomvenzjoni ta' sanzjonijiet u juru l-konsegwenzi ta' tali ksur billi jipprevjenu u/jew jipprosegwixxu b'mod dinamiku u vigoruż il-ksur tas-sanzjonijiet tal-UE; jitlob, f'dan ir-rigward, lill-istituzzjonijiet tal-UE jilħqu ftehim malajr dwar direttiva ambizzjuża dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pieni għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni; jissottolinja li l-pieni għandhom jibqgħu proporzjonati iżda ħorox biżżejjed biex

ikollhom effett ta' deterrent; jistieden lill-Kunsill Ewropew jadotta deċiżjoni li tespandi s-setgħat tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew biex jinkludi r-reat ta' ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni, li tagħti lok għal armonizzazzjoni akbar u prosekuzzjoni konsistenti u uniformi ta' tali reati fl-UE kollha;

6. Jesprimi t-tħassib serju dwar il-kummerċ li għaddej ta' oġġetti sanzjonati li huma kritiċi għall-gwerra bejn l-Istati Membri u r-Russja; jiddeplora n-nuqqas serju ta' kultura ta' konformità fir-rigward tas-sanzjonijiet tal-UE fuq ir-Russja; jikkundanna l-prattika li fiha l-oġġetti sanzjonati mill-UE jinbiegħu lil kumpaniji jew individwi minn pajjiżi mhux tal-UE u mbagħad jintbagħtu direttament mill-UE lejn ir-Russja; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jistabbilixxu sistemi li permezz tagħhom l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet tista' tiġi kondiviża b'mod aktar effikaċi sabiex jittejjeb l-infurzar tas-sanzjonijiet relatati ma' oġġetti militari u b'użu doppju; jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jipprovdu l-informazzjoni u l-assistenza meħtieġa lill-kumpaniji sabiex itejbu l-konformità mas-sanzjonijiet tal-UE u jikkollaboraw mal-kumpaniji li l-prodotti tagħhom qed jiġu esportati lejn ir-Russja sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju li jiksru mingħajr ma jafu l-kontrolli tal-esportazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jinvestigaw bir-reqqa l-konformità tal-kumpaniji mar-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni għall-oġġetti elenkati u jimponu penali dissważivi;
7. Jistieden lill-Istati Membri jespandu l-kontrolli tal-esportazzjoni biex ikopru aktar kategoriji ta' oġġetti, jallinjaw il-kontrolli tal-esportazzjoni bejn il-ġurisdizzjonijiet u jinfurzaw il-miżuri b'mod konsistenti biex jingħalqu l-lakuni; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jieħdu miżuri partikolari biex jipprevjenu li prodotti tat-teknoloġija avvanzata li qed jiġu esportati lejn pajjiżi mhux tal-UE jispiċċaw fir-Russja, u jimmonitorjaw b'mod kostanti l-iżviluppi sabiex jidentifikaw kif jaħdmu l-iskemi ta' ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet u jadattaw ir-reġimi ta' sanzjonijiet kif xieraq;
8. Iħeġġeġ lill-kumpaniji mill-UE u mill-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali tal-UE jirtiraw l-operazzjonijiet tagħhom mir-Russja u jeżerċitaw diliġenza partikolari meta jesportaw oġġetti li huma pprojbiti milli jiġu esportati lejn ir-Russja; jenfasizza li l-kumpaniji tal-UE u s-sussidjarji tagħhom li jinstabu li qed jiksru l-miżuri restrittivi tal-UE għandhom ikunu ineliġibbli għall-finanzjament, inkluż għal offerti u forom oħra ta' finanzjament bħala parti mill-Faċilità għall-Ukrajna u għal programmi oħra ta' rikostruzzjoni fl-Ukrajna; iqis li l-kumpaniji li jużaw derogi mill-applikazzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja, u, bħala tali, li jkomplu attivitajiet ta' negozju mar-Russja, ma għandhomx jibbenefikaw minn fondi tal-UE, minn assistenza teknika jew minn parteċipazzjoni fi proġetti ffinanzjati mill-UE; iqis li dawn il-kumpaniji għandhom jitqiegħdu awtomatikament fuq is-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni u li l-istatus tagħhom fuq l-għodda għall-kejl tar-riskju Arachne għandu jiġi aġġornat kif xieraq; jemmen li l-istess prinċipju għandu japplika, *mutatis mutandis*, għall-akkwist pubbliku, fejn id-dipartimenti tal-gvern jew l-awtoritajiet lokali ma għandhomx jitħallew jixtru xogħol, oġġetti jew servizzi minn kumpaniji li jidderogaw mis-sanzjonijiet tal-UE skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014;
9. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jtejjbu l-komunikazzjoni strateġika tal-UE dwar is-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja u jiġġieldu d-diżinformazzjoni dwarhom; jistieden



lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-isforzi biex jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali dwar il-miżuri restrittivi tal-UE kontra r-Russja, b' mod partikolari l-objettiv tagħhom, u biex f' dan ir-rigward jużaw l-esperjenza tal-Mibgħut Speċjali Internazzjonali għall-Implimentazzjoni tas-Sanzjonijiet tal-UE biex jikkonvinċu lis-sħab internazzjonali, lill-organizzazzjonijiet u lill-industriji ewlenin dwar il-ħtieġa li tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-isforzi mmirati lejn it-tnaqqis tad-dħul disponibbli għall-kontinwazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;

10. Iħeġġeġ lill-pajjiżi kandidati u lill-pajjiżi kandidati potenzjali kollha għall-adeżjoni mal-UE biex jallinjaw strettament mas-sanzjonijiet tal-UE b' reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna bħala sinjal tat-tnejjija tagħhom biex jassumu l-obbligi tas-sħubija fl-UE;
11. Jikkundanna l-imġiba tal-Istati, tal-fornituri ta' servizzi legali, ta' entitajiet u individwi oħra li jgħinu lir-Russja tevita l-effetti tas-sanzjonijiet tal-UE; ifakkar li l-ksur tas-sanzjonijiet jirrappreżenta reat fil-livell tal-UE, u għandu impatt serju fuq l-interessi finanzjarji tal-UE; jitlob lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż lill-Mibgħut Speċjali Internazzjonali għall-Implimentazzjoni tas-Sanzjonijiet tal-UE, biex jintensifikaw il-ħidma tagħhom ħalli jillimitaw l-evażjoni u ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja, li jdgħajfu serjament l-effikaċja tas-sanzjonijiet tal-UE u jostakolaw l-isforzi internazzjonali biex tintemm il-gwerra; jisħaq li l-assi kkonfiskati bħala riżultat ta' ksur tas-sanzjonijiet iridu jintużaw għall-kumpens tal-vittmi tal-aggressjoni tar-Russja, kif ukoll għar-rikostruzzjoni u għar-riformi tal-infrastruttura, skont il-Faċilità għall-Ukrajna; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jivvalutaw mill-ġdid ir-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi li ma jagħmlux biżżejjed sforzi biex jillimitaw l-evażjoni u ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE fuq ir-Russja, inkluża l-assistenza finanzjarja pprovduta lil dawn il-pajjiżi u kwalunkwe aċċess preferenzjali għas-swieq tal-UE; jinsab imħasseb dwar rapporti li l-Ażerbajġan u pajjiżi oħra jaħbu l-gass Russu; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jużaw l-għodod kollha possibbli biex jikkonvinċu lill-Gvern tal-Ażerbajġan ħalli jieqaf jikkollabora mar-reġim Russu;
12. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jikkontribwixxu b' mod attiv biex tinżamm l-unità dwar is-sanzjonijiet u għalhekk jitlob li jiġu previsti b' mod sistematiku l-perjodi ta' tiġdid għar-reġimi kollha ta' sanzjonijiet relatati mal-azzjonijiet tar-Russja kontra l-Ukrajna ta' mhux anqas minn 12-il xahar u li jiġu adottati aktar pakketti ta' sanzjonijiet immirati biex jillimitaw b' mod strateġiku l-kapaċità tar-Russja li tiffinanzja l-kampanja tal-gwerra tagħha; jappoġġja lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex ikompli jikkontribwixxi għall-għaqda fit-tul u għal aktar effikaċja billi juża b' mod sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq proposti;
13. Jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina l-interpretazzjoni tagħha tas-sanzjonijiet li jwasslu għas-sekwestru u l-konfiska ta' oġġetti u vetturi għall-użu personali biss; jisħaq li tali konformità żejda tiskredita l-għan u l-istrument tas-sanzjonijiet;
14. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsaħħu u jżidu l-koordinazzjoni dwar l-infurzar tas-sanzjonijiet eżistenti fuq l-esportazzjonijiet taż-żejt Russi; jitlob lill-UE u lill-Istati

Membri tagħha jagħluq bis-sħiħ is-suq tal-UE għall-fjuwils fossili li joriġinaw mir-Russja; jappella għal ittestjar armonizzat tal-oriġini tal-fjuwils fossili, tal-LNG u tal-importazzjonijiet ta' fjuwils fossili raffinati biex tiġi evitata l-esportazzjoni mill-ġdid tal-enerġija Russa lejn l-UE;

15. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaħdmu mal-G7 biex inaqqsu b'mod sostanzjali l-limitu massimu tal-prezz fuq iż-żejt u l-prodotti tal-petroleum Russi, jimponu projbizzjoni sħiħa fuq l-importazzjoni tal-LNG Russu u tal-gass likwifikat miż-żejt fl-UE u fuq l-importazzjoni ta' fjuwil u prodotti oħra tal-petroleum minn pajjiżi mhux tal-UE jekk dawk il-prodotti jkunu ġew prodotti bl-użu ta' żejt Russu, u jipprojbixxu l-vjeġġ ta' esportazzjonijiet taż-żejt u tal-LNG Russi mit-territorju tal-UE; jitlob lill-UE tintroduċi limiti massimi tal-prezzijiet u tal-volum fuq l-importazzjonijiet tal-fertilizzanti mir-Russja u mill-Belarusja fl-UE;
16. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jimponu sanzjonijiet fuq il-kumpaniji taż-żejt Russi ewlenin kollha, fuq Gazprombank, fuq is-sussidjarji tagħhom, u fuq il-bordijiet u l-maniġment tagħhom; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jespandu s-sanzjonijiet kontra r-Russja fuq l-importazzjonijiet tal-aluminju u jintroduċu sanzjonijiet kontra l-proġett tal-LNG Arctic-2; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jipproponu restrizzjoni fuq is-servizzi tat-tankers u embargo fuq il-bejgħ ta' tankers lir-Russja, kif ukoll restrizzjoni fuq is-servizzi ta' assigurazzjoni Ewropej għat-tankers jekk dawn jintużaw biex jiġi esportat iż-żejt Russu; jistieden lill-pajjiżi tal-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet jipprojbixxu t-trażbord taż-żejt Russu u tal-LNG mill-ilmijiet territorjali tagħhom u miż-żoni ekonomiċi esklużivi; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jsaħħu l-limitu massimu tal-prezz taż-żejt u l-konformità mal-limitu massimu tal-prezz, b'mod partikolari, billi jirrikjedu li l-attestazzjonijiet tal-prezzijiet għall-merkanzija taż-żejt Russa jistgħu jinħarġu biss minn lista bajda ta' negozjanti approvati u billi jirrikjedu li t-tankers kollha li jgħaddu mill-ilmijiet territorjali Ewropej jivverifikaw li jkollhom assigurazzjoni adegwata kontra t-tixrid taż-żejt ("P&I");
17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu s-sanzjonijiet biex jinkludu projbizzjoni sħiħa fuq il-kummerċjalizzazzjoni u l-qtuġ ta' djamanti ta' oriġini Russa jew esportati mill-ġdid mir-Russja fl-UE; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jissanzjonaw l-intrapriża tal-istat Alrosa u jintroduċu b'mod wiesa' sistemi li jintraċċaw l-oriġini tad-djamanti bbażati fuq teknoloġiji ġodda;
18. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jillimitaw, malajr kemm jista' jkun, il-kooperazzjoni tagħhom ma' Rosatom, kif ukoll it-tmexxija u s-sussidjarji tagħha, għal dak li huwa strettament meħtieġ għas-sigurtà tal-enerġija tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom jiskrinjaw il-kooperazzjoni eżistenti ma' Rosatom u jipprovdu appoġġ għas-sostituzzjoni tal-fjuwil, tal-ispare parts u tas-servizzi Russi b'alternattivi possibbli, filwaqt li titqies l-esperjenza ta' suċċess tal-Ukrajna; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipprevjenu l-bastimenti tas-sussidjarja ta' Rosatom Atomflot milli jidħlu fil-portijiet tal-UE u jsaħħu l-pressjoni internazzjonali biex itemmu l-okkupazzjoni tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Zaporizhzhia u jiżguraw b'mod aktar wiesa' s-sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari affettwati mill-kunflitti; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jipprojbixxu l-

importazzjoni ta' prodotti nukleari Russi;

19. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsibu perkorsi legali li jippermettu l-konfiska ta' assi Russi ffriżati u l-użu tagħhom għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna u l-kumpens għall-vittmi tal-aggressjoni tar-Russja; jilqa' t-tħabbira mill-Gvern Belġjan dwar it-tassazzjoni tar-rikavat miksub mill-assi immobilizzati li huma proprjetà tar-Russja miżmuma minn Euroclear;
20. Jitlob li l-miżuri restrittivi kontra l-Belarussja jkunu allinjati bis-sħiħ ma' daww attwalment fis-seħħ kontra r-Russja, peress li r-reġim ta' Lukashenka huwa kompliċi serjament fil-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna;
21. Jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, flimkien mal-Kummissjoni, iwettaq rieżami komprensiv tas-sanzjonijiet tal-UE b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u jippreżenta proposti dwar kif jistgħu jittejjbu aktar it-tnejn, iż-żamma, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tal-infurzar tas-sanzjonijiet tal-UE, u l-koordinazzjoni tagħhom mal-alleati trans-Atlantiċi, mas-sħab tal-G7 u tal-G20, ma' sħab oħra tal-istess fehma u mal-membri tan-NU b'mod ġenerali; itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar iż-żamma ta' kooperazzjoni trans-Atlantika robusta bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar is-sanzjonijiet, l-għeluq ta' kwalunkwe lakuna li tista' tippermetti lir-Russja tevita s-sanzjonijiet u tissimplifika l-kontrolli tal-esportazzjoni;
22. Jistieden lill-Kunsill iħaffef il-ħidma tiegħu biex jintlaħaq ftehim għall-adozzjoni rapida tar-regolament propost dwar miżuri restrittivi kontra atti serji ta' korruzzjoni; jistieden lill-Kunsill jimponi malajr sanzjonijiet fl-ambitu ta' dan ir-reġim il-ġdid fuq persuni fiżiċi u ġuridiċi responsabbli għal atti ta' korruzzjoni fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u li għandhom l-għan li jappoġġjaw ir-reġim Russu;
23. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jżidu t-trasparenza u l-professjonaliżmu tagħhom fir-rigward tal-mod li bih jidentifikaw il-persuni li għandhom jiġu mmirati jew meħlusa minn sanzjonijiet personali; itenni li l-modus operandi attwali qed jagħmel ħsara lir-reputazzjoni tar-reġim ta' sanzjonijiet eżistenti;
24. Jenfasizza li l-effikaċja limitata tas-sanzjonijiet tissottolinja l-ħtieġa ta' approċċ aktar komprensiv fil-konfront tar-Russja; jitlob, għalhekk, li s-sanzjonijiet tal-UE b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jkunu inkorporati fi strateġija politika u diplomatika komprensiva fil-konfront tar-Russja li tinkludi wkoll appoġġ għall-oppożizzjoni, għas-soċjetà ċivili u għall-media indipendenti u għall-ġurnalisti tar-Russja li huma kontra l-gwerra, il-koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-interferenza tar-Russja fil-proċessi demokratiċi u fil-kunflitti internazzjonali, u l-kooperazzjoni multilaterali effikaċi biex jiġi kkompensat it-tfixkil jew l-abbuż tal-istituzzjonijiet jew tal-mekkaniżmi multilaterali min-naħa tar-Russja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimminimizzaw il-konsegwenzi negattivi għar-rappreżentanti tal-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili Russi u Belarussi li jinsabu fl-eżilju, peress li l-ħsara li tista' ssir fil-konfront tagħhom ma tikkontribwixxix biex jintlaħaq l-oġettiv iddikjarat tas-sanzjonijiet, jiġifieri l-limitazzjoni tal-kapaċità tar-Russja li twettaq il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Gvern u lill-Verkhovna Rada tal-Ukrajna, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, u lill-awtoritajiet Russi u Belarussi.